BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 02/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar 2009 fit-8.30am**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Cuschieri ipproponiet u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/02 -* Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq bagħat jinforma lill-Kunsill li l-MEPA għandha applikazzjoni biex ġo Ħal Għaxaq jinbena impjant taż-żejt. Huma qed jiġbru firem għall-petizzjoni kontra din l-applikazzjoni. Il-Kunsill jappoġġa lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq.

*02/02 -* Il-UHM bagħtet ittra rigward iż-żieda tal-pagi tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill fejn dawn saħqu li l-Kunsill mhux ser ikun qed jikser l-ebda liġi jekk tingħata żieda tal-massimu ta' l-iskala konċernata mill-ewwel u mhux fuq firxa ta' tlett snin. Il-Kunsill reġa' qabel, għal darba oħra, li jekk mhux ser ikun qed jikser l-ebda liġi, jagħti ż-żieda ta' l-għola *notch* ta' l-iskala ikkonċernata lill-ħaddiema tiegħu pero' dejjem jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jikkonferma li l-Kunsill mhux ser ikun qed jikser l-ebda liġi. Għaldaqstant ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Dipartiment biex jikkonferma dan.

*03/02 -* Resident minn Triq Iċ-Ċief, bagħat ittra biex iwassal l-ilment tiegħu dwar il-*Bring-in-sites* li jinsabu fl-istess triq. Huwa qed jitlob biex dawn il-*Bring-in-sites* jitneħħew mis-sit preżenti għaliex qed joħolqu inkonvenjent kbir lir-residenti tal-madwar. R.Zahra ikkonferma li l-Wasteserv sejrin jirtiraw il-*Bring-in-sites* 'il ġewwa u jagħmluhom fuq *platform* skond il-pjanti oriġinali u għalhekk l-istorbju għandu jonqos. Is-Sindku issuġġerixxa li nitolbu lil Wasteserv sabiex jagħmlu *cameras* ma' dawn is-siti biex b'hekk jitnaqqas l-abbuż. Kulħadd qabel.

*04/02 -* St.Benedict's College Sta Lucia Girls' Junior Lyceum bagħtu ittra fejn talbu lill-Kunsill jagħmel donazzjoni ta' kotba li ser ikunu mqassmin fost studenti minn Birżebbuġa. Minħabba li l-finanzi tal-Kunsill huma limitati, B.Pace issuġġerit li ssir *fund-raising* u l-ammont ta' flus li jinġabru jingħataw bħala donazzjoni ta' kotba fost diversi skejjel. Kulħadd qabel.

*05/02 -* SMS Insurance qegħda toffri polza ta' assigurazzjoni fuq 'road risk liability' lill-Kunsill Lokali bi prezzijiet kompetittivi. Il-Kamra qablet li l-Kunsill għandu jkollu assigurazzjoni ta' dan it-tip pero' issuġġerixxiet li tiġi avviċinata l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bil-għan li jintlaħaq xi ftehim komuni ta' assigurazzjoni ta' dan it-tip għall-Kunsilli Lokali kollha.

*06/02 -* Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra minn Birżebbuġa Windmill Football Nursery li l-ftehim li sar bejn iż-żewġ partijiet jiskadi fit-18 ta' Frar 2009. Huma qed jitolbu biex dan il-ftehim jerġa' jiġġedded sabiex ikunu jistgħu jżommu l-*membership fee* baxxa. Il-Kamra ddeċidiet li tanalizza din it-talba mal-kumplament tat-talbiet mill-għaqdiet tal-lokal f'Aġenda 5 ta' din l-istess laqgħa.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kamra ddiskutiet l-ispeċifikazzjonijiet ta' tlett *tenders* li ser tinħareġ sejħa pubblika għalihom :-

a) Tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi
b) Servizz għal tindif ta' toroq

Wara diskussjoni l-Kamra qablet ma l-ispeċifikazzjonijiet u li għanda tinħareġ sejħa pubblika.

c) Tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi

Wara diskussjoni ġie issuġġerit li mal-ġonna ninkludu wkoll 'Ġnien Il-Kunsill Lokali' biex b'hekk il-ġonna kollha jkunu l-istess. T.Roberts ma qabilx ma' din il-proposta u qal li 'Ġnien Il-Kunsill Lokali' għandu jibqa' taħt il-kumitat preżenti. B'sit voti favur u wieħed kontra ġie deċiż li 'Ġnien Il-Kunsill Lokali' għandu jiġi nkluż mal-ġonna l-oħra biex tinħareġ sejħa pubblika għalihom.

## ***AĠENDA -4***

Ġie ippreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tlett xhur bejn 1 ta' Ottubru 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008. Dan ġie approvat mill-Kamra. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u l-Kamra qablet li tinkiteb ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex napplikaw għal *exemption* tal-bilanċ pożittiv ta' 10% li għandu jinżamm skond ir-Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Finanzi).

## ***AĠENDA -5***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra d-diversi programmi ta' attivitajiet għas-sena kurrenti li l-għaqdiet lokali għoġobhom jippreżentaw fuq talba ta' l-istess Kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż li matul din is-sena l-Kunsill mhux ser ikun f'pożizzjoni li jagħti donazzjonijiet.

## ***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Jannar 2009. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata s-somma ta' € 72,010.58 biex titħallas skond skeda nru. 01/09.

***AĠENDA -7***

1) Is-Sindku u R.Zahra infurmaw lill-Kamra li l-Onor. Dr. Franco Debono jixtieq jagħmel laqgħa mal-Kunsill. Kulħadd qabel li jiltaqa' miegħu.

2) B.Pace infurmat lill-Kamra li fil-fuljett tal-Kunsill, li hu imminenti li joħroġ, ser titqassam formola sabiex iż-żgħażagħ tal-lokal ikunu jistgħu japplikaw biex jattendu programmi iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill applika għal tlett programmi li ser isiru ġewwa Bucharest fil-perijodu ta' bejn Ġunju - Lulju 2009.

3) Il-Kamra ġiet infurmata li l-Gvern ser iniedi Kampanja favur l-Enerġija Alternattiva fis-7 ta' Marzu 2009 bis-sehem tal-Kunsilli Lokali.

4) Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' 'L-Anzjan/a tas-Sena 2008' fejn id-dħul kien ta' € 970 u l-ħruġ kien ta' € 1331.73. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' € 361.73.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2009 fis-2.00pm. .
.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |